**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE**

**ILLUM 3 TA' APRIL 2025**

**Rikors Ġuramentat Numru: 554/2017 AF**

**Rebecca Galea u**

**B'digriet tal-31 ta' Ottubru 2023 stante l-mewt ta' Rebecca Galea, l-atti tal-kawża għandhom Jgħaddu f'isem :**

**Susan Bianchi, Eugenio Galea, Herbet Galea, Alexandra sive Sandra Pace, Claire Attard, Stephen Magro, Renald Magro, Annabelle Pavia, Saviour Magro, Matlene Magro, Matthew Magro, Annalise Magro, Jessica Magro u Ruth Galea.**

**vs**

**Emanuel Spagnol u Luigia Spagnol**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi Nazzareno Frendo u Catherine Frendo nee` Chetcuti żżewġu fit-8 ta' Settembru 1923 u dan kif jirriżulta minn ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A.

Illi Nazzareno Frendo miet fit-18 ta’ Lulju 1971 kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok B filwaqt li martu Catherine Frendo mietet fil-31 ta’ Marzu tas-sena 1961 skont iċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok C.

Illi Catherine Frendo mietet intestata kif jirriżulta mir-riċerki testamentarja pubbliċi u sigrieti hawn anness u mmarkati Dok D u Dok E.

Illi Nazzareno Frendo miet testat permezz ta’ testment datat 28 ta’ Ġunju tas-sena 1970 in atti Nutar Dr Robert Girard, kopja ta’ liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok F, kopja tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok G u Dok Ħ rispettivament.

Illi permezz tal-imsemmi testment, Nazzareno Frendo ħalla b’titolu ta’ prelegat lil bintu Maria Dolores mart Horatio Ellul il-fond urban bin-numru 48, Triq San Klement Żejtun, a saldu tas-serviġi li l-istess Maria Dolores Ellul irrendiet lit-testatur u nnomina u istitwixxa eredi tiegħu universali proprjetarji assoluti lili uliedu kollha u ċioe` Carmela mart Antonio Spiteri, Vincenzina mart Emanuel Ellul, Rebecca mart Francesco Galea (l-attriċi) u Maria Dolores mart Horatio Ellul aħwa Frendo.

Illi permezz ta’ testment datat 19 ta’ Ottubru tas-sena 1997 in atti Nutar Peter Carbonaro, kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok I, Maria Dolores Ellul innominat bħala l-uniku eredi universali proprjetarju assolut tal-assi ereditarja tagħha li għandha u li għad jista’ jkollha lill-konvenut Emanuele Spagnol.

Illi l-imsemmija Maria Dolores Ellul mietet fid-19 ta’ Novembru tas-sena 2015 skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok J, kopja tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok K u Dok L rispettivament.

Illi permezz ta’ kuntratt li n-nota ta’ insinwa tiegħu datat 7 ta’ Lulju 1995 (Insinwa numru 11696/1995), in atti Nutar Peter Carbonaro, kopja ta’ liema qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok M, Maria Dolores Ellul assenjat b’titolu ta’ *datio*

*in solutum* lill-konvenut il-fond terran fiż-Żejtun fi Triq San Klement numru 48, kif soġġett għall-annwu canone ta’ Lm3.50 għall-prezz ta’ Lm3,000.

Illi sa fejn taf l-attriċi, Maria Dolores Ellul qatt ma ttrasferit l-imsemmi fond lill-konvenut u x’aktarx il-kuntratt li n-nota tagħmel referenza għalih huwa falz.

Illi di piu`, permezz ta’ att korrettorju in atti Nutar Peter Carbonaro, li kopja tan-nota tal-insinwa (Insinwa Nru 5200/1997) qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok N, Carmela mart Antonio Spiteri, Vincenzina mart Emanuele Ellul, Rebecca mart Francesco Galea u Dolores mart Horatio Ellul, aħwa Frendo ulied il-mejtin Nazzareno Frendo u Caterina nee` Chetcuti, minn banda l-waħda u mill-banda l-oħra Emanuele Spagnol u martu Luigia Spagnol ikkoreġew l-att ta’ *datio in solutum* u kostituzzjoni ta’ debitu ppubblikat fis-7 ta’ Lulju tas-sena 1995 fejn permezz tiegħu l-ewwel parti ttrasferew lit-tieni parti l-fond urban fiż-Żejtun, Triq San Klement numru 48, li jinsab iskritt fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta permezz ta’ nota numru 11696/95 – u dan fis-sens illi l-vendituri f’dak l-att kellhom ikunu l-aħwa Frendo kollha u mhux bħalma ġie erronjement indikat Dolores Ellul weħidha u dan fil-proporzjonijiet li ġejjin u ċioe` Carmela Spiteri, Rebecca Galea (l-attriċi) u Vincenzina Ellul a raġion ta’ tliet ottava $^{3}/_{8}$ indiviżivament bejniethom, u Maria Dolores Ellul in kwantu għal nofs indiviż u ottava ieħor indiviż $^{1}/_{2}$ u $^{1}/_{8}$. L-att imsemmi ġie ssanat ukoll fis-sens illi Luigia Spagnol mart l-imsemmi Emanuele Spagnol dehret flimkien ma’ żewġha sabiex taċċetta u takkwista l-indikata proprjetà u dana mingħajr ebda korrispettiv.

Illi l-attriċi <u>qatt</u> ma dehret għal dan l-atto korrettorju u Carmela mart Antonio Spiteri mietet fit-3 ta’ Ġunju 1995 u ċioe` ben sentejn qabel ma sar is-suppost att korrettorju u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tagħha li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok O.

Illi permezz ta’ ittra legali, l-Avukat Peter Borg Costanzi, għan-nom tal-attriċi kiteb ittra legali fit-13 ta’ Lulju 2016 lin-Nutar Peter Carbonaro sabiex jgħaddilu kopja tal-oriġinal tal-kuntratt fl-atti tiegħu tas-7 ta’ Lulju tas-sena 1995 bejn Maria Dolores

Ellul u l-konvenut u tal-20 ta' April tas-sena 1997 bejn l-istess partijiet, kopja tal-ittra tinsab hawn annessa u mmarkata Dok P. Sallum in-Nutar baqa' inadempjenti.

Illi l-esponenti ppruvat takkwista kopja tal-kuntratti suċitati mill-Arkivji Notarili iżda sallum il-kuntratti oriġinali tan-Nutar Carbonaro ma jiffurmawx parti mill-istess arkivji.

Illi permezz ta' kwerela datata 2 ta' Awwissu 2016, l-avukat Peter Borg Costanzi għan-nom tal-attriċi bagħat kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-każ jiġi investigat mill-Pulizija. L-attriċi m'hijiex konsapevoli mill-eżitu, liema kopja tal-kwerela tinsab hawn annessa u mmarkata Dok Q.

Illi l-attriċi hija tal-fehma illi kemm il-kuntratt tas-7 ta' Lulju 1995 kif ukoll il-kuntratt tal-20 ta' April tas-sena 1997 huma foloz.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara foloz, nulli u bla effett jekk jeżistu l-kuntratti tas-7 ta' Lulju tas-sena 1995 (Insinwa Numru 11696/1995) u l-kuntratt tal-20 ta' April tas-sena 1997 (Insinwa numru 5200/1997) flimkien man-nota tal-insinwa relattivi in atti Nutar Peter Carbonaro.

2. Tiddikjara lill-intimati responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi per konsegwenza tal-aġir abbużiv u llegali tagħhom.

3. Tillikwida l-ammont ta' danni hekk iddikjarati okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

4. Tordna ħlas tad-danni hekk likwidati kontra l-intimati a favur ir-rikorrenti.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika żewġ atti ta' rexissjoni tal-kuntratti relattivi fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu

lkoll determinati, u in oltre jiġu nominati kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-atti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż il-mandat ta' inibizzjoni li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati permezz ta' liema eċċepew:

Illi preliminarjament l-intimat Emanuel Spagnol b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta` ipposjeda l-ħaġa mmobbli għal iktar minn għaxar snin, bil-konsegwenza illi m'hemmx dubju illi akkwista l-proprjeta` tagħha u dan ai termini tal-Art. 2140 tal-Kap. 16.

Illi preliminarjament l-attriċi għandha tiddikjara jekk din l-azzjoni hiex waħda għar-rexxissjoni tal-kuntratti tas-7 ta' Lulju 1995 u/jew tal-20 ta' April 1997 in atti tan-Nutar Peter Carbonaro jew hekk hiex waħda għad-danni ġialadarba fin-nuqqas tirrenja l-konfużjoni fit-talbiet attriċi bil-konsegwenza inevitabbli tan-nullita` tal-proċeduri odjerni ladarba t-talbiet tagħha huma preġudizzjali għal xulxin u ma jsegwux minn xulxin.

Illi preliminarjament f'każ illi l-attriċi kellha tiddikjara illi din il-kawża għar-rexxissjoni tal-imsemmija kuntratti, allura l-ġudizzju m'huwiex integru stante illi azzjoni ta' dik in-natura ma tistax titmexxa biss minn persuna waħedha li kienet parti minn dak il-kuntratt imma mill-persuni kollha li kienu parti fih jew li kellhom ikunu parti fih. Ladarba l-persuni l-oħrajn li kienu partijiet f'dawk il-kuntratti, jew l-aventi causa tagħhom, la qatt għamlu allegazzjonijiet ta' falsita` f'dawk il-kuntratti fil-konfront tal-esponenti u wisq inqas m'huma atturi fil-proċeduri odjerni, allura ta' bil-fors l-azzjoni attriċi għandha tfalli.

Illi fil-mertu mhux minnu dak dikjarat fil-premessi tar-rikors promotur illi l-kuntratt datat 7 ta' Lulju 1995 u l-kuntratt l-ieħor tal-20 ta' April 1997 huma foloz.

Illi f'kull każ, l-attriċi f'din il-kawża la talbet ir-rexxisjoni tal-kuntratt in atti tan-Nutar Peter Carbonaro tas-7 ta' Lulju 1995 u

wisq anqas tal-kuntratt in atti tal-istess Nutar Peter Carbonaro tal-20 ta' April 1997 u lanqas dikjarazzjoni fis-sens li l-proprjeta` in kwistjoni kienet u baqgħet proprjetà tagħha. Una volta li l-attriċi ma talbitx ir-rexxissjoni tal-imsemmija kuntratti jew dikjarazzjoni li l-fond de quo baqa' fil-poter tagħha u ta' terzi allura jsegwi li l-fond ma jistax jgħaddi lura fil-poter tal-attriċi (u l-persuni l-oħrajn li m'humiex parti f'dil-kawża). Huwa biss b'sentenza li tirrexxindi kuntratt pubbliku jew almenu b'dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-fond mertu tal-kawża, wara talba appożita da parti tal-attriċi, li jista' jiġi dikjarat li l-fond m'għadux jibqa' jitqies li wara dawk il-kuntratti kien fil-poteri tal-intimati. Fil-każ in odjern ma sar xejn minn dan u għalhekk ukoll il-fond in kwistjoni ma jista' qatt jingħad li għadda lura fil-poter tal-vendituri jew l-aventi causa tagħhom (li m'humiex partijiet f'din il-kawża).

Illi t-talbiet kif imposti mill-attriċi huma kompletament improponibbli u ma jistgħux jintlaqgħu għaliex l-ewwel talba ma ġietx preċeduta minn talba oħra ad hoc għar-rexxissjoni tal-kuntratti tas-7 ta' Lulju 1995 u tal-20 t'April 1997.

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ssib illi l-ewwel talba attriċi tikkomprendi talba għar-rexxissjoni tal-kuntratti tas-7 ta' Lulju 1995 u tal-20 t'April 1997, isegwi li t-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 u hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 1224 tal-Kap. 16.

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti kellha ssib illi l-ewwel talba attriċi tikkomprendi talba għar-rexxissjoni, allura r-rimedju mitlub ma jista' jkun qatt illi l-esponenti jew min minnhom jiġu kkundannati jħallsu xi danni.

Illi f'kull każ il-fond illum m'għadux jappartjeni lill-intimati.

Illi m'hemmx danni x'jiġu likwidati fil-konfront tal-attriċi.

Illi kwalsiasi talba għad-danni hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Art. 2153 tal-Kap. 16.

Salv eċċezzjonijiet oħrajn permissibbli skond il-liġi, u senjatament wara li l-attriċi tiddikjara n-natura tal-azzjoni minnha tentata.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu 2022 ai termini ta' liema awtorizzat lill-intimati jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri fejn ġie eċċepit illi:

Preliminarjament dawn il-proċeduri huma nulli stante illi jekk fid-data tal-preżentata tar-Rikors Ġuramentat Rebecca Galea kienet f'qagħda fiżika u mentali li tkun tista' tagħmel atti ċivili waħeda, allura ma kinitx konsapevoli illi kienet qed tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji fil-konfront ta' Emanuel Spagnol jew jekk f'kull każ din ma kinitx f'qagħda li tagħmel atti ċivili waħeda allura dawn il-proċeduri qatt ma setgħu jinbdew minnha.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2022 ġie ddikjarat illi fil-mori ġiet nieqsa r-rikorrenti Rebecca Galea li mietet fl-14 ta' Ġunju 2022.

Rat illi b'digriet tal-31 t'Ottubru 2023 il-Qorti awtorizzat it-trasfużjoni tal-atti tal-kawża f'isem Susan Bianchi, Eugenio Galea, Herbert Galea, Alexandra sive Sandra Pace, Claire Attard, Stephen Magro, Renald Magro, Annabelle Pavia, Saviour Magro, Matlene Magro, Matthew Magro, Annalise Magro, Jessica Magro u Ruth Galea.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2023 il-kawża tħalliet għall-provi limitatament dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal lum limitatament dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din il-kawża Rebecca Galea qegħda tattakka l-validita' ta' żewġ kuntratti wieħed datat 7 ta' Lulju 1995 u l-ieħor datat 20 t'April 1997 it-tnejn in atti tan-Nutar Peter Carbonaro, stante illi foloz u nulli. Talbet għalhekk illi l-intimati jinstabu responsabbli għad-danni fil-konfront tar-rikorrenti, li ssir il-likwidazzjoni tad-danni u l-konsegwenti kundanna għall-ħlas. Talbet ukoll ir-rexissjoni tal-imsemmija kuntratti.

Permezz tal-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom l-intimati eċċepew in-nullita' tal-proċeduri odjerni stante illi jekk Rebecca Galea ma kinitx f'qagħda fiżika u mentali li tagħmel atti ċivili allura lanqas ma kienet konsapevoli sabiex tistitwixxi proċeduri legali waħedha.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti hija waħda mill-erbgħa ulied ta' Nazzareno u Catherine konjuġi Frendo. Catherine Frendo ġiet nieqsa fil-31 ta' Marzu 1961 u mietet ab intestato. Nazzereno Frendo miet fit-18 ta' Lulju 1971. In segwitu għall-mewt ta' ommha Catherine Frendo, Maria Dolores Ellul, oħt ir-rikorrenti Rebecca Galea, marret tgħix flimkien ma' missierha ġewwa l-fond fl-indirizz 48, Triq San Klement, Żejtun. Hija baqgħet tgħix hemm flimkien ma żewġha fejn flimkien ħadu ħsieb Nazzareno Frendo sa mewtu. B'testment tat-28 ta' Ġunju 1970 Nazzareno Frendo ħalla b'titolu ta' prelegat favur Maria Dolores Ellul il-fond fejn kien jgħix bħala ħlas għas-serviġi reżi minnha.

B'kuntratt tas-7 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro, Maria Dolores Ellul assenjat il-fond de quo b'titolu ta' *datio in solutum* lill-intimat bħala kumpens għall-fatt li ħa ħsiebha kull meta kienet teħtieġ.

B'att korrettorju tal-20 t'April 1997 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro, Carmela Spiteri, Vincenzina Ellul, Rebecca Galea u Maria Dolores Ellul, ilkoll aħwa Frendo dehru sabiex jikkoreġu l-att ta' *datio in solutum* u kostituzzjoni ta' debitu tas-7 ta' Lulju 1995 peress illi Maria Dolores Spagnol ma setgħet qatt tidher fuq l-att tas-7 ta' Lulju 1995 waħedha stante illi l-aħwa Frendo għandhom sehem mis-sehem indiviż li ommhom kellha fl-imsemmija proprjeta'.

Il-kawża ta' llum tistrih fuq żewġ premessi prinċipali: i) in-nullita' tal-att tas-7 ta' Lulju 1995 stante l-fatt li ġie trasferit favur l-intimat is-sehem tar-rikorrenti u ħutha li kien jappartjeni lilhom mill-wirt ta' ommhom; ii) in-nullita' tal-att tal-20 t'April 1997 stante l-fatt illi l-komparenti Carmela Spiteri kienet ġa mejta fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att u allura ma setgħet qatt dehret u ffirmat dak l-att.

Din ta' llum hija sentenza in parte li tolqot esklussivament il-kapaċita' legali tar-rikorrenti fil-mument meta ntavolat il-proċeduri odjerni. Kull kwistjoni oħra hija rrelevanti għall-fini ta' din id-deċiżjoni ta' llum.

Permezz tal-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom l-intimati qegħdin jeċċepixxu n-nullita' tal-proċeduri stante allegata inkapaċita' legali da parti tar-rikorrenti fil-mument meta istitwiet il-proċeduri odjerni. Mill-provi jirriżulta li din il-kwistjoni nibtet fil-mument meta r-rikorrenti xehdet quddiem l-Assistant Ġudizzjarju maħtur minn din il-Qorti u ddikjarat li ma tiftakar xejn u cioe la li dehret sabiex tikkonferma bil-ġurament tagħha il-kontenut tal-affidavit tagħha u lanqas li istitwiet il-kawża.

In atti ġie esebit ċertifikat rilaxxjat minn Dr Joseph Tonna li meta xehed f'dawn il-proċeduri spjega li ma jiftakarx iċ-ċirkostanzi li fihom ħareġ iċ-ċertifikat tas-26 t'April 2017 fejn fost l-oħrajn jgħid illi r-rikorrenti Rebecca Galea kienet qed tbati minn Parkinsons Disease. Żied jgħid illi ma kellux ħjiel "*li kellha xi forma ta' nuqqas fil-fakultajiet tagħha*." (a fol. 113)

Xehed ukoll Dr Stephen Spiteri, it-tabib kuranti ta' Rebecca Galea għal aktar minn 20 sena. Huwa kkonferma li hija kienet tbati fost affarijiet oħra minn Parkinsons Disease. Xehed illi l-aħħar li raha seta' jitkellem magħha, kienet orjentata għal *time and place* u seta' jirraġuna magħha. Żied jgħid illi sa meta rreferiha għand il-Professur Mamo kienet għadha tirraġuna. Kompla jixhed illi kienet ilha tbati minn Parkinsons Disease għal minn aktar minn 3 snin u kellha *cognitive deficiency*. Irreferiha għand il-Professur Mamo għaliex hu l-espert ġerijatriku. Issokta jgħid illi jaf li sakemm sar ir-referral għand il-Professur Mamo "*kien hemm it-tibdil relatat mal-eta' tal-persuna".* (a fol. 125)

Il-Qorti rat ukoll iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Professur David Mamo fis-16 ta' Jannar 2019 fejn dan iċċerfika lil Rebecca Galea bħala afflitta minn "*advanced dementia secondary to parkinsons*" u li dak inhar li raha rriżultat li kienet "*disoriented to place and date, does not recall names of her children, does not appreciate nature of will or contract, and is not capable to appear in court on her own behalf. I respectfully recommend she be considered for legal interdiction*." (a fol. 75)

Il-Professur Mamo xehed illi hu raha lil Rebecca Galea darba waħda biss u cioe dakinhar illi rrilaxxja ċ-ċertifikat imsemmi. Spjega illi dak inhar Galea kienet diġa qiegħda tirċievi trattament għall-parkinsons u li "*kellha impediment konjittiv qawwi, konsistenti ma dementia avvanzata*." (a fol. 119)

Mill-assjem tal-provi in atti il-Qorti ma tqisx ruħha sodisfatta li fil-mument li fih Rebecca Galea intavolat il-kawża hija kienet nieqsa mill-fakoltajiet mentali li wieħed jeħtieġ sabiex jistitwixxi proċeduri. Tgħid dan għal diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-kawża ta' llum infetħet permezz ta' rikors ġuramentat data 22 ta' Ġunju 2017. Dr Joseph Tonna rrilaxxja ċ-ċertifikat tiegħu fis-26 t'April 2017 u cioe xahrejn qabel infetħet din il-kawża. Qieset ukoll ix-xhieda ta' Dr Stephen Tonna li jgħid li kkura lir-rikorrenti għal aktar minn għoxrin sena u sa l-aħħar darba li raha seta' jitkellem magħha, kienet orjentata u tirraġuna. Naturalment il-Qorti qieset ukoll bir-reqqa dak illi xehed il-Professur Mamo u tat piż għal dak illi niżżel fiċ-ċertifikat li rrilaxxja. Madanakollu, l-Qorti qieset ukoll illi l-Professur Mamo ra lir-rikorrenti darba waħda biss u cioe fis-16 ta' Jannar 2019 meta rrilaxxja ċ-ċertifikat tiegħu sentejn sħaħ wara li bdiet din il-kawża.

Il-Qorti qieset illi l-kawża ta' llum inbdiet fis-sena 2017 waqt illi l-Professur Mamo ra lir-rikorrenti fis-sena 2019. Għal persuna anzjana li tbati minn Parkinsons disease trapass ta' sentejn huwa żmien konsiderevoli li matulu jistgħu jinbidlu ħafna affarijiet.

Wara li qieset il-provi kollha in atti l-Qorti ssib illi ma tressqux provi suffiċjenti u fil-grad li trid il-liġi sabiex iwassluha għall-konvinċiment morali li fil-mument li fih tat bidu għall-proċeduri odjerni Rebecca Galea ma kelliex il-fakultajiet neċessarji sabiex

tistiwixxi l-proċeduri odjerni validament. Ma nġabet lil din il-Qorti ebda prova ta’ rregolarita` fil-proċedura li tat bidu għall-kawża.

Finalment il-Qorti tfakkar illi kif ritenut b’mod assodat fil-ġurisprudenza, in-nullita’ ta’ att hija kwistjoni odjuża għall-finijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u n-nullita’ hija sanzjoni estrema li l-liġi tikkontempla esklussivament f’każijiet fejn in-nuqqas ma jkunx tollerabbli[1].

**Decide**

Għalhekk u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezjoni ulterjuri sollevata mill-intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur

[1] Bieb Bieb Enterprises Ltd vs Victor E Mizzi noe, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 25 ta’ Marzu 2015; Karina Borg Olivier pro et noe vs Karim Cordina, Qorti tal-Appell, 1 ta’ Diċembru 2021